C/2024/7433

13.12.2024

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2024/7433)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Barbanza e Iria"

PGI-ES-A1255-AM03

Data tal-komunikazzjoni: 30.9.2024

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. L-INKLUŻJONI TA' VARJETÀ ĠDIDA TA' GĦENEB

Deskrizzjoni:

Varjetà ġdida ġiet inkluża fil-lista tal-varjetajiet awtorizzati għall-produzzjoni tal-inbejjed Barbanza e Iria, jiġifieri l-varjetà bajda Ratiño Gallega.

Il-punt 6 tal-Ispeċifikazzjoni u l-punt 7 tad-Dokument Uniku ġew emendati.

Din hija emenda standard minħabba li ma tinvolvi l-ebda waħda mill-bidliet imsemmija fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

Raġuni:

L-istudji mwettqa wrew li hija varjetà indiġena u mhux klonu ta' varjetà oħra, u għalhekk ġiet rikonoxxuta amministrattivament bħala varjetà ġdida ta' *Vitis vinifera* bl-Ordni APA/1097/2021 tas-7 ta' Ottubru, li tipprevedi l-inklużjoni ta' diversi varjetajiet ta' speċijiet differenti fir-Reġistru tal-Varjetajiet Kummerċjali (BOE tal-11.10.2021).

2. ESPANSJONI TAŻ-ŻONA DEMARKATA

Deskrizzjoni:

L-ambitu ġeografiku ta' din l-indikazzjoni ġeografika protetta ġie kemxejn estiż biex jinkludi l-parroċċa ta' Seira fil-muniċipalità ta' Rois, li tmiss maż-żona attwalment demarkata.

Il-punt 4 tal-Ispeċifikazzjoni u l-punt 6 tad-Dokument Uniku ġew emendati.

Din hija emenda standard minħabba li ma tinvolvi l-ebda waħda mill-bidliet imsemmija fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

Raġuni:

Hija estensjoni żgħira ta' żona li l-karatteristiċi tagħha huma simili għal dawk taż-żona demarkata attwalment u għalhekk ma taffettwax ir-rabta.

3. BIDLIET FIL-LOGO

Deskrizzjoni:

Il-logo li jidentifika dawn l-inbejjed ġie aġġornat, u ssostitwixxa t-terminu "vino de la tierra" bit-terminu ekwivalenti "Indikazzjoni Ġeografika Protetta".

([1]) GU L 9, 11.1.2019, p. 2.

Din l-emenda tikkonċerna l-Anness II tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u ma taffettwax id-Dokument Uniku.

Din hija emenda standard minħabba li ma tinvolvi l-ebda waħda mill-bidliet imsemmija fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

Raġuni:

It-terminu "Indikazzjoni Ġeografika Protetta" issa tqiegħed fis-suq b'mod aktar estensiv.

4. AĠĠORNAMENT TA' XI REFERENZI U TITJIB FIL-FORMULAZZJONI

Deskrizzjoni:

L-emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott intużat biex taġġorna kwotazzjoni legali li, minħabba l-mogħdija taż-żmien, ma kinetx għadha valida, u biex ittejjeb il-formulazzjoni dwar diversi punti.

Din l-emenda tikkonċerna l-punti 2, 4, 7, 8 u 9 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u ma taffettwax id-Dokument Uniku.

Din hija emenda standard minħabba li ma tinvolvi l-ebda waħda mill-bidliet imsemmija fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi.

Raġuni:

Din intużat biex ittejjeb it-test tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Barbanza e Iria

2. **Tip ta' Indikazzjoni Ġeografika:**

IĠP – Indikazzjoni Ġeografika Protetta

3. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3.1. *Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda*

— 22 — XARBIET, SPIRTI U ĦALL

2204 — Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb, għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

INBID - Inbejjed bojod u ħomor, u nbejjed ta' varjetà unika

DESKRIZZJONI QASIRA

Inbejjed ħfief, nodfa, ileqqu, b'kulur qawwi viżibbli; b'aromi ġenwini li jixhdu l-karatteristiċi proprji tal-materja prima, bi gradazzjoni alkoħolika moderata, u bi ħjiel ta' fjuri u ta' frott; fil-palat jinħassu bellusija, friski, mimlija togħma u bbilanċjati, bi ftit laqtiet ħfief ta' aċidu.

Qawwa alkoħolika proprja minima tal-inbejjed ta' varjetà waħda: 11 %.

* Aċidità volatili massima tal-inbejjed li jitqiegħdu għall-bejgħ b'tal-inqas sena maturazzjoni: 16,66 meq/l.

* Total massimu ta' diossidu tal-kubrit għall-inbejjed bojod: 175 mg/l.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): —

— Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum): 10

— Aċidità totali minima: 5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): 15

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru): 150

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

Prattika enoloġika speċifika

Ir-rendiment fl-estrazzjoni tal-most u l-firda tiegħu mill-karfa ma għandux ikun ikbar minn 67 litru most għal kull 100 kg għeneb.

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. Varjetajiet ta' għeneb abjad

12 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

2. Varjetajiet ta' għeneb abjad

80,4 Hl għal kull ettaru

3. Varjetajiet ta' għeneb aħmar

8 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

4. Varjetajiet ta' għeneb aħmar

53,6 Hl għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Il-muniċipalitajiet ta' Boiro, Catoira, Dodro, A Pobra do Caramiñal, Pontecesures, Rianxo, Ribeira u Valga, kif ukoll l-irħula ta' Camboño, Fruíme u Tállara fil-muniċipalità ta' Lousame; l-irħula ta' Iria Flavia u Padrón, fil-muniċipalità ta' Padrón; il-parroċċi ta' Baroña, Caamaño, Queiruga, Ribasieira, San Pedro de Muro u Xuño, fil-muniċipalità ta' Porto do Son; u l-parroċċa ta' Seira fil-muniċipalità ta' Rois.

Il-biċċa l-kbira minn din iż-żona ġeografika tinsab fil-provinċja ta' A Coruña, għajr il-muniċipalitajiet ta' Catoira, Valga u Pontecesures, li huma parti mill-provinċja ta' Pontevedra.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

AGUDELO — CHENIN BLANC

ALBARIN BLANCO — BRANCO LEXITIMO

ALBARIÑO

BRANCELLAO

CAÍÑO BLANCO

CAÍÑO TINTO

ESPADEIRO — TORNEIRO

GODELLO

LOUREIRA – LOUREIRO BLANCO

LOUREIRA — MARQUÉS

LOUREIRO TINTO

MENCÍA

MERENZAO

RATIÑO GALLEGA

SOUSÓN

TORRONTÉS

TREIXADURA

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

L-inbejjed jixhdu l-kundizzjonijiet tat-temperatura u tax-xita, kif ukoll il-prattiki agrikoli u l-fattur uman, l-iktar fl-adattament varjetali xieraq (jintużaw fuq kollox varjetajiet indiġeni), fl-għażla tal-aqwa ħamrija (tal-lom, fondi u permeabbli, karatteristika ta' din iż-żona ġeografika), u fil-prassi tajba tat-tkabbir, inkluż iż-żabra u l-kundizzjonament tad-dwieli, li jsiru bl-idejn u b'sengħa, sabiex ikun hemm kontroll xieraq tal-potenzjal tat-tkabbir tal-għeneb. Dawn il-kundizzjonijiet kollha jagħtu lill-inbejjed prodotti f'din iż-żona bilanċ u armonija, aromi eċċellenti, espressjonijiet aromatiċi u karatteristiċi tajbin ta' preżervazzjoni.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (imballaġġ, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit ieħor:

Ippakkjar fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

L-inbejjed għandhom jiġu bbottilajti fiż-żona ġeografika demarkata ta' produzzjoni. It-trasport u l-ibbottiljar barra miż-żona tal-produzzjoni jikkostitwixxu riskju għall-kwalità tal-inbid, billi jista' jiġi espost għal fenomeni ta' ossidoriduzzjoni, varjazzjonijiet fit-temperatura u oħrajn, u iktar ma tkun kbira d-distanza miż-żona ġeografika demarkata ikbar ikun ir-riskju. L-ibbottiljar lokali jippermetti li jiġu ppreżervati l-karatteristiċi u l-kwalità tal-prodott. Minħabba dan kollu, flimkien mal-esperjenza u l-għarfien espert tal-karatteristiċi speċifiċi tal-inbejjed li ilhom is-snin jinkisbu mill-azjendi tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Barbanza e Iria", jeħtieġ li l-ibbottiljar isir lokalment, sabiex jinżammu l-karatteristiċi kollha fiżikokimiċi u organolettiċi ta' dawn l-inbejjed.

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit ieħor:

Rekwiżiti addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Il-fliexken kollha jġorru kontratikketta nnumerata, li tinkludi l-logo tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://agacal.xunta.gal/sites/default/files/calidade-alimentaria/vinos/PC_Barbanza_Iria_julio_2024_ES.pdf